**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 130, 17 ta' Marzu 2014**

Is-Sedja tirreferi għat-talba tal-Onor. Marlene Farrugia, Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, li saret fit-12 ta' Marzu, 2014, u se nikkwota:

> "L-unika raġuni għalfejn jien se ngħaddi għar-*ruling* tal-i*Speaker* mhijiex għax jien għandi xi dubju jekk għandhiex tiġi diskussa f'dan il-Kumitat jew le imma għaliex id-direzzjoni li kelli dalgħodu kienet li ġaladarba fil-House Business Committee ġie deċiż li din il-materja se tiġi diskussa fil-plenarja, allura ma tiġix diskussa hawnhekk. Jekk l-iSpeaker jagħtini *ruling* ieħor, allura dik il-preżentazzjoni u diskussjoni tkun tista' ssir hawnhekk."

Is-Sedja, għalhekk, qed tiġi mitluba li tagħti *ruling* dwar jekk dak li ġie deċiż fil-House Business Committee, fil-laqgħa numru 17 tal-11 ta' Marzu, 2014, għandux jorbot lil dan il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp kif ukoll dwar jekk id-diskussjoni tistax terġa' tinfetaħ quddiem dan il-Kumitat wara li tkun saret id-diskussjoni fil-plenarja.

Irid jingħad li f'din il-laqgħa tat-12 ta' Marzu, 2014 ikkontribwew diversi membri ta' dan il-Kumitat, inkluż l-Onor. Carmelo Abela bħala l-*Whip* tan-naħa tal-Gvern kif ukoll l-Onor. David Agius bħala *Whip* tan-naħa tal-Oppożizzjoni, li t-tnejn li huma kienu preżenti għal-laqgħa numru 17 tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra tat-Tlieta, 11 ta' Marzu, 2014. Irid jingħad ukoll li ċ-Chairperson, f'din il-laqgħa tat-12 ta' Marzu, 2014 bdiet billi qalet hekk:

> "Fl-aħħar laqgħa konna ddeċidejna li se naraw jekk dik il-materja hux se tiġi diskussa hawnhekk jew hux se tittieħed f'idejn il-House Business Committee. Fil-verità sar hekk u jidher li l-House Business Committee ddeċieda li jeħodha fil-plenarja. Ovvjament jien xtaqt li tiġi diskussa hawnhekk u allura staqsejt jekk il-House Business Committee għandux il-jedd li jagħmel hekk u weġbuni li hekk isir. Jekk il-House Business Committee jiddeċiedi li dik il-materja tiġi diskussa fil-plenarja allura aħna ma nkunux nistgħu niddiskutuha hawnhekk."

Hawnhekk iċ-Chairperson ovvjament qed tagħmel referenza għall-proġett f'Delimara u r-rapport referut aħjar bħala l-EIA dwar l-istess proġett ta' Delimara.

F'din il-laqgħa, l-Onor. George Pullicino li ta diversi kontribuzzjonijiet dwar din il-kwestjoni, qed jiġi kkwotat li qal hekk:

> "Ilbieraħ ma kien hemm l-ebda deċiżjoni, la min-naħa tal-House Business Committee u lanqas min-naħa tal-iSpeaker li tgħid li 'l quddiem f'dan il-Kumitat m'għandux ikun hemm diskussjoni dwar l-EIA tant li jien informat li l-i*Speaker* qal ċar u tond li l-Kumitat imexxi lilu nnifsu. Fil-fatt fil-House Business Committee l-uniku deċiżjoni li hemm hija li jridu jsibu data meta d-diskussjoni ssir fil-plenarja."

Ikompli l-Onor. George Pullicino:

> "Nirrepeti li l-informazzjoni li għandi - hawn il-*Whip* hawnhekk – hi li l-i*Speaker* ma ħax pożizzjoni in kwantu li ġaladarba din il-materja tiġi deliberata fil-plenarja allura hu eskluż li dan il-Kumitat jiddiskutiha minkejja li diġà ddeċieda b'mod unanimu li jiġi diskuss is-suġġett. Jien, *I*

> *stand to be corrected* - għad hawn il-*Whip* - l-informazzjoni li għandi mill-Whip tan-naħa tagħna hija li ma kien hemm l-ebda deċiżjoni min-naħa tal-iSpeaker fejn jingħad li jekk id-diskussjoni tmur fil-plenarja allura d-diskussjoni f'dan il-Kumitat ma ssirx."

Waqt id-diskussjoni, kif diġà indikat, ħa sehem ukoll l-Onor. David Agius, *Whip* tan-naħa tal-Oppożizzjoni, fejn qal hekk u nikkwota:

> "Jekk inti tħoss, Sinjura President, li m'hawnx qbil u li inti m'intix lesta li terfa' r-responsabbiltà u trid ir-ruling mingħand l-iSpeaker, *sta* għalik li titlob *ruling* mingħand l-i*Speaker*. Però aħna, fil-House Business Committee li għamilna lbieraħ, qbilna li jekk ikun hemm il-ħtieġa li jkun hemm seduta fil-plenarja, jien u l-Whip tan-naħa tal-Gvern niddeċiedu fuq data li fiha jkunu jistgħu jitkellmu l-membri taż-żewġ naħat tal-Kamra. Dak kien xogħolna però x'se jagħmel dan il-Kumitat huwa l-Kumitat stess li jiddeċidih. Jekk hemm diffikultà jintalab *ruling* mingħand l-i*Speaker."*

Dak il-ħin stess kien hemm ir-reazzjoni tal-Whip tan-naħa tal-Gvern, l-Onor. Carmelo Abela, u jien se nikkwota l-parti saljenti:

> "L-ewwel nett il-House Business Committee huwa dak il-Kumitat li bl-Ordnijiet Permanenti jista' jirregola lil kull kumitat ieħor. Dak joħroġ ċar mill-Ordnijiet Permanenti. Dak huwa stat ta' fatt li wieħed jista' jsib fl-Ordnijiet Permanenti.
>
> It-tieni nett mhuwiex fir-*remit* tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp imwaqqaf bl-artiklu 34 ta' Kapitlu 504 li jiddiskuti proġett jew ħaġa oħra marbuta ma' proġett kapitali tal-Gvern.

> Meta nkitbet l-ittra mill-Onor. Pullicino u naturalment inti, Sinjura President, għaddejt l-ittra lill-Ministru konċernat, il-Ministru konċernat għamilha ċara li minkejja li mhuwiex fir-*remit* ta' dan il-Kumitat, kien qed jaċċetta li jagħmel preżentazzjoni lill-membri f'dan il-Kumitat, u l-kelma kienet ċara, preżentazzjoni."

Għal dan il-kliem ir-reazzjoni mmedjata tal-Onor. David Agius, Whip tal-Oppożizzjoni, kienet din:

> "Fil-House Business Committee lbieraħ, ġie deċiż li jkun hemm seduta fil-plenarja u d-data naraw meta tkun. Però ma kienx eskluż u ma ngħatat l-ebda direzzjoni lil dan il-Kumitat biex jiddiskuti jew ma jiddiskutix dak li jrid jiddiskuti dan il-Kumitat. Jiġifieri dan il-Kumitat għadu fil-libertà kollha li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu u jiddeċiedi hu jekk ikomplix kif kien miftiehem unanimament f'dan il-Kumitat jew le. Imma l-House Business Committee ma ta l-ebda linja partikolari fis-sens li m'għandkomx tiddiskutu din il-materja jew le."

Hawnhekk l-Onor. Carmelo Abela reġa' tenna, u nikkwota:

> "Dan li għedt illum, għedtu lbieraħ fil-House Business Committee, jiġifieri li dan il-Kumitat ma jistax ma jimxix mar-*remit* tiegħu. Sempliċi ħafna: ma jistax jiddiskuti proġett kapitali, importanti kemm hu importanti. Hawnhekk mhux il-MEPA. Il-MEPA dak huwa xogħolha bil-liġi."

Id-diskussjoni f'dan il-Kumitat kompliet tidħol fuq il-kwestjonijiet dwar x'jgħid Kapitlu 504, partikolarment artiklu 34, dwar x'jista' jiddiskuti dan il-Kumitat. Eventwalment hawnhekk l-Onor. David Agius qal hekk, u nikkwota:

> "Sinjura President, nista' nserraħlek rasek li fl-iStanding Orders, kull Kumitat jista' jirregola lilu nnifsu. Għandek l-iStanding Orders li jappoġġjawk kif diġà għamilna f'kumitat oħrajn. L-iStanding Orders jgħidu b'mod ċar li l-Kumitat jirregola lilu nnifsu u jekk il-Kumitat jaqbel li jiddiskuti xi ħaġa, m'hemmx diffikultà li jiddiskutiha."

Hawnhekk ir-reazzjoni tal-Onor. Carmelo Abela kienet din:

> "Bil-permess tiegħek nixtieq ngħid li fuq dak li qal il-kollega tiegħi l-Onor. Agius, dan il-Kumitat mhuwiex imwaqqaf bl-iStanding Orders imma bl-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kap. 504. Din id-differenza hija importanti."

Aktar tard reġa' kien hemm intervent tal-Onor. George Pullicino fejn qal hekk:

> "Aħna dejjem urejna d-disponibilità tagħna għad-diskussjoni, anke għax is-Sinjura President dejjem uriet ix-xewqa li dan il-Kumitat imur *oltre.* Ġieli anke kellna diskussjoni *tête-à-tête* u għedtilha li ġaladarba hemm id-deċiżjoni tal-iSpeaker ma nsibu l-ebda diffikultà li jkollna diskussjonijiet oħrajn. Issa jiddispjaċina li ladarba n-naħa tal-Oppożizzjoni wriet id-disponibilità u ġaladarba dan il-Kumitat, inkluż il-Membri tal-Gvern, qabel b'mod unanimu li mhux jiddiskuti l-proġett imma ssir preżentazzjoni dwar l-EIA li ġie ppreparat għall-proġett .... Nixtieq infakkar li l-EIA mhuwiex l-uniku dokument li l-MEPA jkollha quddiemha biex tiddeċiedi applikazzjoni anke nazzjonali. Aħna, fit-talba

tiegħi u tan-naħa tal-Oppożizzjoni, dejjem konna ċari; għedna li għandna niddiskutu l-EIA, m'għedniex li niddiskutu l-proġett. Ma nsib l-ebda diffikultà li dan il-Kumitat, jekk jidhirlu mod ieħor, jiddeċiedi mod ieħor, imma mbagħad kulħadd jerfa' r-responsabbiltà tiegħu."

L-Onor. Carmelo Abela, aktar tard waqt id-diskussjoni reġa' għamel referenza għar-ruling li tat din is-Sedja fis-seduta numru 26 tal-4 ta' Ġunju, 2013 fuq punt imqajjem mill-Onor. George Pullicino fis-seduta preċedenti tat-3 ta' Ġunju, 2013 dwar l-aġenda u l-persuni li jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u qal hekk:

"Ir-ruling tal-iSpeaker kien ċar ħafna. Dan il-Kumitat għandu jimxi mal-liġi li waqqfet dan il-Kumitat, għax mhux Kumitat imwaqqaf bl-Ordnijiet Permanenti imma b'liġi apposta. Barra minn dan, ir-*ruling* tal-iSpeaker kien f'sens jekk id-diskussjoni li inti, Madam Chair, kont qajjimt hawnhekk kenitx tmur kontra l-liġi li waqqfet dan il-Kumitat. L-iSpeaker qal li din id-diskussjoni li qajjimt inti tgħin biex dak li huwa r-*remit* ta' dan il-Kumitat, isir u jseħħ b'mod tajjeb. Ir-*ruling* ma kienx fuq proġetti, fuq pjan ta' struttura, fuq regoli tal-MEPA, jew ir-reviżjoni ta' dik l-istruttura.".

L-Onor. George Pullicino, għal dak li kien għadu kif irrimarka l-Onor. Carmelo Abela, qal hekk:

"Madam Speaker, m'għandix problema li nagħmel din il-mozzjoni formali, u se naqraha."

Il-mozzjoni li ppreżenta l-Onor. George Pullicino, tgħid hekk:

> "Nitlob li dan il-Kumitat jiddiskuti l-EIA dwar il-proġett tal-*power station* li taħdem bl-LNG u l-ħażna tal-LNG nhar it-Tnejn jew it-Tlieta li ġejjin fil-ħinijiet li jiddeċiedi dan l-istess Kumitat."

Din il-mozzjoni li ppreżenta l-Onor. George Pullicino ġiet issekondata mill-Onor. Toni Bezzina. Għal din il-mozzjoni ma kien hemm ebda vot f'dan il-Kumitat imma ċ-Chairperson, l-Onor. Marlene Farrugia, qalet hekk:

> "Allura jien se nerġa' ngħaddi għand l-iSpeaker biex jagħtina *ruling* bil-miktub jekk aħna, hawnhekk, nistgħux nipproċedu bid-deċiżjoni tagħna li tiġi magħmula l-preżentazzjoni u d-diskussjoni hekk kif qabel unanimament il-Kumitat. Ngħaddiha lill-iSpeaker.".

Iċ-Chairperson kompliet hekk:

> "Però jekk l-iSpeaker jindikali direzzjoni mod ieħor, jien m'iniex se nerfa' r-responsabbiltà li mmur kontra l-kelma tal-iSpeaker. Jagħtini r-*ruling* bil-miktub u aħna nipproċedu."

Hawnhekk l-Onor. David Agius qal hekk:

> "L-importanti hu li naqblu li inti se titlob lill-iSpeaker jekk tagħmilx ħażin inti, bħala Sedja, li tħalli li ssir id-diskussjoni kif maqbul unanimament f'dan il-Kumitat fl-aħħar laqgħa tiegħu.".

L-istess Chairperson irreaġixxiet billi qalet hekk:

> "L-unika raġuni għalfejn jien se ngħaddi għar-*ruling* tal-iSpeaker mhijiex għax jien għandi xi dubju jekk għandhiex tiġi diskussa f'dan il-Kumitat

jew le imma għaliex id-direzzjoni li kelli dalgħodu kienet li ġaladarba fil-House Business Committee ġie deċiż li din il-materja se tiġi diskussa fil-plenarja, allura ma tiġix diskussa hawnhekk. Jekk l-iSpeaker jagħtini *ruling* ieħor, allura dik il-preżentazzjoni u diskussjoni tkun tista' ssir hawnhekk."

L-Onor. Joseph Sammut irrimarka li:

"L-iskop ta' dan il-Kumitat li huwa regolat b'liġi huwa li jkun ta' spedizzjoni għax-xogħol tal-Kamra, fis-sens li l-Kamra ma tinħelirx tiddiskuti affarijiet li tista' tiddelega. Hija d-delegazzjoni tal-Kamra għal dan il-Kumitat. Dan ifisser li x-xogħol ta' dan il-Kumitat u x-xogħol tal-Parlament in ġenerali huwa regolat bil-House Business Committee kif stipulat fl-Ordnijiet Permanenti. L-Ordnijiet Permanenti, fost oħrajn, jgħidu li huwa l-Kumitat li jidderiġi x-xogħol. Huwa veru li dan il-Kumitat għandu l-fakultà li jidderiġi x-xogħol tiegħu, pero' jidderiġi x-xogħol tiegħu meta l-House Business Committee ma jiddeċidix li ċertu materja għandha tiġi diskussa fil-plenarja. Hekk inkella se jkollna żewġ diskussjonijiet, fil-plenarja u f'dan il-Kumitat u allura jkollna l-*overlapping*.".

Sussegwentement iċ-Chairperson ikkonkludiet hekk:

"Jekk fir-*ruling* tiegħu l-iSpeaker jgħid li l-House Business Committee ddeċieda li d-diskussjoni tmur fil-plenarja u allura jkun xogħol duplikat li jsir hawnhekk, dik mhijiex xi ħaġa li nieħu responsabbiltà għaliha jien, u allura f'dak il-każ aħna jkollna nbaxxu rasna. Jekk 'il quddiem niddeċiedu li nibdlu l-liġijiet li waqqfu dan il-Kumitat u nivvotaw ħalli

jkollna Kumitat li ma jkunx jiddependi daqshekk mill-interpretazzjoni tal-mod kif ġie mwaqqaf, allura 'l quddiem niddiskutuha u nagħmlu hekk.".

M'hemmx dubju li d-diskussjoni li żvolġiet fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp tat-12 ta' Marzu, 2014 kienet ibbażata fuq dak li ġie diskuss fil-laqgħa tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tal-11 ta' Marzu, 2014, jiġifieri dwar jekk il-proġett imsemmi għandux jiġi diskuss fil-Kumitat dwar l-Ambjent jew fil-plenarja. Dan il-punt jidher li qajjem daqsxejn ta' diżgwid bejn l-istess membri tal-Kumitat peress li jidher li f'xi laqgħa preċedenti kienu qegħdin jistradaw bi qbil li d-diskussjoni tkompli quddiem dan l-istess Kumitat.

Is-Sedja se tidħol fuq dak li ġie diskuss fil-House Business Committee tal-11 ta' Marzu, 2014, fuq talba tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, biex jiġi deċiż fejn għandha ssir id-diskussjoni dwar il-materja in kwestjoni. Qabel ma tagħti r-*ruling* tagħha is-Sedja se tirreferi għall-interpretazzjonijiet legali ċari li diġà kellha l-opportunità li tidħol fihom f'*ruling* ieħor li tat fis-seduta tal-4 ta' Ġunju, 2013, u se tgħaddi biex tagħti kronoloġija ta' dak li ġara fil-laqgħa tal-House Business Committee tal-11 ta' Marzu, 2014. F'dik il-laqgħa s-Sedja kienet qalet hekk:

"Qabel ma nagħti l-kelma lill-Onor. Ryan Callus, jiena għandi t-*transcripts* tal-laqgħa li nżammet fis-26 ta' Frar, fejn fost oħrajn, kien hemm dan id-diżgwid u għalhekk ġiet quddiem il-House Business Committee, biex wieħed jistrada l-aġenda. "Iva, din it-talba tista' titressaq lill-Kumitat tal-Kamra" - ovvjament għax ma kienx hemm ftehim - "pero' b'danakollu xorta qed nistennew lill-Onor. Konrad Mizzi jiġi jagħmel il-preżentazzjoni fil-ħin, anke fil-preżenza tal-għaqdiet mhux governattivi tal-pubbliku"".

Ir-referenza li saret kienet għal-laqgħa numru 6 tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp tas-26 ta' Frar, 2014. Fil-fatt fil-laqgħa tal-House Business Committee tal-11 ta' Marzu, 2014 l-Onor. Carmelo Abela qal hekk:

"Qed ngħidu li min-naħa tal-Gvern lesti li nagħmlu dibattitu fil-plenarja fejn il-membri parlamentari taż-żewġ naħat ikollhom il-ħin indaqs biex jgħidu tagħhom qabel il-MEPA tiddeċiedi fl-24 ta' Marzu. Dan huwa aċċettabbli għall-Oppożizzjoni?".

Hawnhekk l-Onor. Ryan Callus irrisponda u qal hekk:

"Tista' ssir preżentazzjoni mill-Ministru, Onor. Abela però l-minuti jkomplu li wara ssir diskussjoni fejn ikunu jistgħu jsiru mistoqsijiet lill-esperti, mhux lill-politiku!

Issa ħalli nikkwota persuna mill-kamp tal-Gvern li inti tagħmel parti minnu, fejn *Madam Chair* qalet hekk:

"Fuq dan qbilna, imma mbagħad – u hawnhekk kompla l-Onor. Pullicino – jekk ikunx hemm ukoll diskussjoni fil-plenarja, mhuwiex dak il-Kumitat li jrid jiddeċiedi, imma dan irid jiġi deċiż fi stanza oħra."".

Aktar tard is-Sedja qalet hekk:

"Onor. David Agius, kuntrarjament għal dak li qed tgħid mhux għal dak li qed tikkwota, dak diġà qiegħed hemmhekk u kkwotajtu jien. Hawnhekk

qegħdin niddiskutu l-aġenda jew x'għandu jsir minn issa 'il quddiem għaliex proprju t-talba saret minn dan il-Kumitat lill-House Business Committee. Din mhijiex kwestjoni ta' aħna niddettaw, imma ġejna mitluba. Il-House Business Committee ġie mitlub minn dan il-Kumitat biex jiddeċiedi; qegħdin hawnhekk għaliex saret din it-talba. Il-Gvern qed jgħid li din il-materja għandha tiġi diskussa fil-plenarja u l-Oppożizzjoni qed tgħid li għandna nkomplu aktar diskussjoni fil-Kumitat, imbagħad immorru fil-plenarja. Din hija l-proposta tagħkom. Il-proposti huma diversi."

Iktar tard is-Sedja reġgħet qalet hekk:

"Żgur li hawn qbil li għandha tiġi diskussa fil-plenarja. Kemm l-Onor. George Pullicino waqt il-Kumitat u naħseb anke l-membri preżenti u anke min-naħa tal-Gvern nistgħu niffissaw id-data tal-plenarja għaliex il-każ se jiġi deċiż fl-24 ta' Marzu."

Hawnhekk l-Onor. Carmelo Abela qal hekk:

"Li jfisser li trid issir il-ġimgħa d-dieħla. Il-ġimgħa d-dieħla ikun is-17 u t-18 ta' Marzu".

Is-Sedja fuq dan qalet hekk:

"Insibu d-data meta se jiġi diskuss fil-plenarja. Ħalli nagħmlu d-data tal-plenarja.

Onor. Agius, jien qed nagħmilha ċara li fuq id-data tal-plenarja żgur trid issir. Ma naħsibx li hawn xi oġġezzjoni li ma ssirx fil-plenarja. Irridu

> nsibu data, id-data se tkun il-ġimgħa d-dieħla. Id-data se tiġi komunikata lilek mill-Onor. Carmelo Abela li se jikkomunika mal-Ministru, eċċ biex naraw li l-partijiet ikunu preżenti biex id-data ssir il-ġimgħa d-dieħla, jiġifieri qed nitkellmu bejn is-17 u t-18 ta' Marzu għax id-19 hija festa u m'aħniex se niltaqgħu.".

Din kienet il-kwotazzjoni aħħarija relatata ma' din il-materja fil-House Business Committee tal-11 ta' Marzu, 2014.

M'hemmx dubju li hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq proġett li qiegħed quddiem il-MEPA fejn il-MEPA trid tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni ta' żvilupp bħal f'kull proġett ieħor. Wieħed irid jara jekk l-istess Kumitat li twaqqaf taħt artiklu 34 tal-Kap. 504 jistax imur *oltre* minn dawk il-poteri li għandu, kif joħroġ mill-istess liġi. Min-naħa l-oħra, il-punt l-ieħor huwa li ladarba dan il-Kumitat ħass il-ħtieġa li għandu jagħmel referenza lill-House Business Committee biex jistrada fejn għandha ssir id-diskussjoni dwar dan il-proġett u l-House Business Committee ddeċieda li għandha tmur fil-plenarja, wieħed issa jrid jara jekk Kumitat imwaqqaf b'liġi bħal ma hu l-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, għandux poteri addizzjonali ma' dawk li diġa' għandu u li joħorġu mill-istess interpretazzjoni tal-artiklu 34.

Dan il-punt joħroġ ċar mid-deċiżjoni li s-Sedja kienet diġà tat fis-seduta 26 tal-4 ta' Ġunju, 2013 li saret referenza għaliha waqt id-diskussjoni fil-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp li saret fit-12 ta' Marzu, 2014. F'dik il-laqgħa l-Onor. George Pullicino korrettament kien talab *ruling* dwar l-aġenda tal-istess Kumitat u x'suġġetti jistgħu jiġu diskussi f'din l-aġenda. Dakinhar is-Sedja, filwaqt li tat interpretazzjoni ċara li l-Kumitat irid jaħdem bilfors fuq dawk il-poteri li joħorġu mill-istess liġi li huma ben definiti f'subinċiż u 2 tal-artikolu 34 li jgħid li:

“(2) Il-Kumitat Permanenti għandu:

*(a)* jagħmel reviżjoni ta’ kull pjan li jitressaq quddiem il-Kamra tad-Deputati skont id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att. Il-Kumitat Permanenti għandu jirrakkomanda lill-Kamra jekk dak il-pjan għandux jiġi approvat, approvat b’emendi jew riġettat;

(*b*) jiddiskuti kull rapport riferut lilu mill-Ministru li għandu x’jaqsam mal-pjan ta’ struttura jew kull reviżjoni ta’ dak il-pjan;

(*ċ*) jiddiskutu kull pjan jew *policies* oħra riferita lilu mill-Ministru u tirrapporta fuqu lill-Parlament. Dan ir-rapport jista’ jinkludi wkoll kull opinjoni li ma jaqblux dwar il-pjan jew *policies*. Il-Ministru għandu jieħu konjizzjoni tal-imsemmi rapport u għandu jibgħat ir-rapport lill-Awtorità għall-konsiderazzjoni tagħha fid-determinazzjoni mill-Awtorità tal-pjan jew *policy* jekk l-imsemmi pjan jew *policy* tkun għadha ma ġietx approvata mill-Awtorità:

Iżda meta l-imsemmi Kumitat Permanenti jonqos milli jirrapporta lill-Parlament fil-perjodu li għalih kien mitlub li jagħmel dan, il-Ministru jista’ jitlob lill-Awtorità tiffinalizza l-imsemmi pjan jew *policy*, u l-Ministru jista’ wkoll japprova l-imsemmi pjan jew *policy* kif mgħoddija lilu mill-Awtorità.”

Dawn huma l-poteri li għandu dan il-Kumitat. Iktar minn hekk huwa kollox *ultra vires*. Il-fatt li l-Kumitat seta’ beda d-diskussjoni dwar xi ħaġa li ma taqax fir-*remit* tiegħu, jew li seta’ ftiehem fuq kif se tkompli għaddejja dik id-diskussjoni li ma taqax taħt il-poteri tiegħu kif definiti fl-artikolu 34, ma jagħti

l-ebda dritt lil dan il-Kumitat li jkompli b'dik id-diskussjoni ladarba l-istess House Business Committee wara li ddiskuta l-problema mqajma mill-Kumitat dwar l-Ambjent iddeċieda li d-diskussjoni dwar dan il-proġett u r-rapport tal-EIA tmur quddiem il-plenarja. Dan qed jingħad għaliex Kumitat li b'mod ċar mhuwiex regolat bl-*Standing Orders* imma huwa regolat b'liġi, bħalma huwa l-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, irid bilfors joqgħod fuq dak li huwa ben definit mil-liġi. Għamlet sew l-Onor. Marlene Farrugia li waqt li kienet qiegħda tippresjedi l-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp tat-12 ta' Marzu, 2014, fl-aħħar tad-diskussjoni qalet hekk:

> "Jekk 'il quddiem niddeċiedu li nbiddlu l-liġijiet li waqqfu dan il-Kumitat u nivvotaw biex ikollna Kumitat li ma jkunx jiddependi daqshekk minn interpretazzjoni tal-mod kif ġie mwaqqaf, allura 'il quddiem niddiskutuha u nagħmlu hekk."

Dan kien il-mod korrett kif b'mod intelliġenti u professjonali *Madam Chair* ikkonkludiet din il-laqgħa.

Il-fatt li l-Ministru Konrad Mizzi ta l-kelma jew seta' bagħat bi skrittura, kif jidher li bagħat, illi kien se jagħmel preżentazzjoni quddiem il-Kumitat, ma jċaħħadx lill-Gvern milli jiddiskuti dan il-proġett fil-plenarja. U jekk issir mozzjoni fil-plenarja fejn ikun hemm qbil fil-Kamra li, *notwithstanding* dak li hemm miktub fil-liġi, jagħti poter addizzjonali lill-istess Kumitat biex tkompli tiġi diskussa l-istess materja, anke wara d-diskussjoni fil-plenarja, dak huwa mod kif wieħed jista' jwessa' l-poteri tal-Kumitat. Jiġifieri b'awtorizzazzjoni mill-Kamra kollha u mhux mill-membri tal-istess Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp kif jidher li ried jagħmel l-Onor. George Pullicino waqt il-laqgħa tat-12 ta' Marzu.

Il-poteri tal-Kumitati tal-Kamra, speċjalment dawk li huma *select committees,* dawn jiġu appuntati mill-Kamra u l-poteri joħorġu mill-istess Kamra u dan kif huwa indikat ukoll il-mod kif jitħaddem kull Kumitat tal-Kamra, speċjalment dak li jkun marbut mal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, ħaġa li dan il-Kumitat mhuwiex u allura jrid joqgħod ukoll għad-direzzjoni tal-istess *House Business Committee*.

L-Erskine May, *Parliamentary Practice, 24th Edition,* paġna 799 fejn jittratta s-*select committees* jagħmilha ċara li apparti l-kompożizzjoni tal-membri tal-istess *select committees,* il-poteri li għandhom dawk il-kumitati li joħorġu mill-istess *standing orders* jew mil-liġi li twaqqaf dawk il-kumitati. Għalhekk kemm fuq in-natura tar-rapporti, kemm fuq meta jiltaqa', kemm fuq kif jappunta ċertu *specialised advisors*, kemm għal min jista' jibgħat dokumenti u *records* u l-mod kif issir analiżi ta' dan kollu, kollox għandu jkun regolat u r-regolamentazzjoni trid tkun toħroġ jew mill-i*Standing Order* innifsu li jappunta s-*select committee* jew mill-istess liġi li permezz tagħha jkun twaqqaf il-kumitat, bħalma huwa l-każ in eżami, il-Kumitat maħtur bl-artikolu 34 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

Dan ifisser li għar-*ruling* li talbet l-istess Chairperson, l-Onor. Marlene Farrugia ladarba l-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra ddeċieda fil-laqgħa numru 17 tal-11 ta' Marzu, 2014 li d-diskussjoni dwar dan il-proġett għandha ssir fil-plenarja, dan il-Kumitat ma jistax jerġa' jkompli d-diskussjoni mhux għaliex m'għandux ikompli bid-diskussjonijiet, imma għaliex dan il-proġett ma jaqax taħt id-definizzjoni tal-liġi li waqqfitu u allura taħt ir-*remit ossia* taħt il-poteri li joħorġu mill-istess applikazzjoni tal-artikolu 34 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp tal-Ippjanar, Kap. 504. Il-mandat speċifiku tal-Kumitat huwa ċar u huwa li jagħmel dik ir-reviżjoni ta' kull pjan, kif diġà ntqal, li jitressaq quddiem

il-Parlament, imma mhuwiex awtorizzat li jiddiskuti applikazzjonijiet ta' żvilupp, huma x'inhuma, li jkunu quddiem awtorità bħalma hi l-MEPA.

Għaldaqstant ir-*ruling* tas-Sedja hu li dan il-Kumitat m'għandux ikompli u ma jistax ikompli bid-diskussjoni dwar dan il-proġett ladarba ma joħroġx mill-istess liġi li huwa awtorizzat li jagħmel hekk, u aktar u aktar meta issa hemm id-direzzjoni u d-deċiżjoni kif mitlub li jieħu l-House Business Committee, li d-diskussjoni titkompla fil-plenarja.